# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 18/2019/1 AF**

***Gevimida Limited* (C-3558)**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat;**
**L-Awtorità tad-Djar għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza tad-19 ta' Mejju 2022 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tal-drittijiet fondamentali tas-soċjetà attriċi mħarsin taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju kkundannat lill-awtorità konvenuta sabiex tħallas kumpens ta' għaxart elef euro (€10,000) bħala danni patrimonjali u non-patrimonjali. L-appell tas-soċjetà attriċi jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, in-nuqqas

ta' sejbien ta' ksur taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni s-soċjetà rikorrenti qed titlob lill-qorti ssib illi seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali minħabba l-ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mill-Gvern tramite d-dipartiment responsabbli mid-djar. Konsegwentement, qiegħda titlob rimedju għall-ksur lamentat inkluż tħassir tal-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni u kumpens għall-ksur tad-drittijiet tagħha.
>
> »Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kawża tirrigwarda l-fond… … … Is-soċjetà rikorrenti kienet akkwistat dan il-fond permezz ta' kuntratt pubbliku tad-9 ta' Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef mingħand Joseph Xuereb, is-sid aħħari tal-istess soċjetà. Joseph Xuereb kien wiret il-fond mingħand missieru l-Kaptan Serafin Xuereb li da parti tiegħu kien akkwista l-fond permezz ta' kuntratt pubbliku tas-27 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar George Cassar.
>
> »Fil-25 ta' Marzu 1976, is-Segretarju tad-Djar ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni bin-numru 36737 fuq il-fond u dan ġie allokat lil terzi b'titolu ta' kera. L-aħħar inkwilin kien ċertu Salvu Spagnol li baqa' jgħix fil-fond sa ma miet fl-2009. Il-kera stabbilita kienet ta' Lm30, illum €69.88, fis-sena u baqgħet l-istess sa ma miet l-inkwilin. Wara l-mewt tal-inkwilin is-soċjetà attriċi reġgħet ħadet pussess tal-fond u baqgħet tikrih sakemm bigħetu fl-2019.
>
> »Fis-16 ta' Novembru 2000 id-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali ħareġ ordni ta' derekwiżizzjoni fuq il-fond. Fl-affidavit tiegħu, il-Perit Joseph Xuereb għas-soċjetà rikorrenti jilmenta li l-kumpannija tiegħu sofriet preġudizzju serju minn meta l-fond ġie rekwiżizzjonat sakemm miet l-inkwilin fl-2009. Madanakollu, mir-rikors promotur jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti fil-fatt qiegħda tillimita l-ilment tagħha għall-perjodu sakemm damet fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni u mhijiex tattakka l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta) li bis-saħħa tagħha l-inkwilin baqa' jokkupa l-fond b'titolu ta' kera sa ma miet ... … …«

3. Is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti:

> »(i) tiddikjara li, bil-fatti hawn esposti, ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għall-proprjeta' tagħha kif protetti kemm mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konseg-wentement
>
> »(ii) tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi inkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li jiġu dikjarati nulli jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni, li tillikwida u tordna l-ħlas ta'

dak il-kumpens jew *just satisfaction* dovut mill-intimati, inklużi d-danni kollha sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-każ u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurġata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lamentata.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Awtorità tad-Djar u l-Avukat tal-Istat ressqu eċċezzjonijiet fil-meritu u l-Avukat tal-Istat ressaq ukoll l-eċċezzjoni preliminari illi ma huwiex kontradittur leġittimu u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u konsegwentement, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

»2. tilqa’ t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha kif sanċit permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

»3. tilqa’ t-tielet talba billi tillikwida kumpens ta’ għaxart elef euro (€10,000) kwantu għal tmint elef euro (€8,000) kumpens pekunjarju u elfejn euro (€2,000) kumpens non-pekunjarju u tikkundanna lill-Awtorità tad-Djar tħallas dan il-kumpens lis-soċjetà rikorrenti.

»L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal wieħed minn erbgħa (¼) mis-soċjetà rikorrenti u tlieta minn erbgħa (¾) mill-Awtorità tad-Djar b’dan illi l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat ikunu a karigu tas-soċjeta’ rikorrenti.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, sa-fejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»... … …

»... ... ... mir-rikors promotur jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti fil-fatt qiegħda tillimita l-ilment tagħha għall-perjodu sakemm damet fis-seħħ l-ordni ta’ rekwiżizzjoni u mhijiex tattakka l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta) li bis-saħħa tagħha l-inkwilin baqa’ jokkupa l-fond b’titolu ta’ kera sa ma miet. Il-qorti tqis għalhekk illi l-perjodu rilevanti għall-finijiet ta’ din il-kawża jieqaf malli ħarġet l-ordni ta’ derekwiżizzjoni fis-sena 2000.

»Stabbilit dan kollu, is-soċjetà rikorrenti qed tilmenta li ġie leż id-dritt fundamentali tagħha minħabba l-kera baxx li setgħet tirċievi kif ukoll għaliex kienet obbligata bil-liġi ġġedded il-kirja kontra r-rieda tagħha. Skont il-perit tekniku, l-proprjetà llum tiswa €145,000 filwaqt illi l-valur lokatizju tagħha fis-sena 2000 kien ta’ €1,958 fis-sena.

»L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi *inter alia* li l-ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u l-ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li jkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjonijiet ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist ... għall-ħlas ta' kumpens xieraq.

»L-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li kulħadd għandu d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu u ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku.

»L-intimati ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Il-qorti ser tibda bl-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

»Skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12,

> »"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni," u
>
> »"(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

»Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li huwa l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, li huwa leġittimu kontradittur f'kawżi ta' impunjazzjoni ta' liġijiet. L-Avukat tal-Istat huwa l-leġittimu kontradittur ukoll f'azzjonijiet fejn tkun qiegħda tiġi impunjata sentenza tal-qrati.

»Mhux kontestat li l-mansjonijiet tal-ħruġ ta' ordnijiet ta' rekwiżizzjoni u ta' derekwiżizzjoni, kif ukoll dak kollu li kellu x'jaqsam mal-ħlasijiet tal-kera relattiva kienu sussegwentement ġew assorbiti mill-Awtorità tad-Djar kif illum tinsab rappreżentata fil-kawża.

»Kif diġà ntqal, minn kliem ir-rikors promotur ma jirriżultax illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda tattakka xi liġi. Hija qed tilmenta biss illi bit-tħaddim tal-ordni ta' rekwiżizzjoni ġie leż id-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà.

»Kif ingħad proprju mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' <u>Louis Apap Bologna *v.* Calcidon Ciantar *et*</u>, tal-24 ta' Frar 2012:

> »"14. Il-qorti tirrileva li fir-rikors kostituzzjonali tiegħu r-rikorrent ma attakka l-ebda liġi u ma għamel ebda talba biex xi artikolu tal-liġi jiġi dikjarat bħala bla effett għaliex huwa anti-kostituzzjonali. L-ilment kostituzzjonali tiegħu jikkonsisti fit-talba biex il-qorti tannulla l-ordni ta' rekwizizzjoni li ħarġet kontra tiegħu, tirrilaxxja l-fond liberu u vojt u takkorda kumpens xieraq. Hu ma talabx li l-Att dwar id-Djar jiġi dikjarat anti-kostituzzjonali. Għalhekk in-natura tat-talba odjerna tista' skont l-artikolu 181B(2) tiġi indirizzata kontra l-Kap tad-Dipartiment, f'dan il-kaz, l-Awtorità tad-Djar."

»Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni hija ġustifikata u l-Avukat tal-Istat għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

»... … …

»L-awtorità intimata imbagħad teċċepixxi li sa fejn l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti hija bbażata fuq allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, din hija *in parte* inammissibbli *ratione temporis* fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 319:

> »"Ebda ksur tal-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."

»Il-qorti qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni fid-dawl ta' dak li jgħid l-artikolu suċitat. Fil-fatt, il-perjodu relevanti għal din il-kawża beda mill-1987. Dan għaliex l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri peress li l-operazzjoni tal-Kap. 125 li taħtu saret l-ordni ta' rekwiżizzjoni hija mħarsa mill-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li huwa minnu illi din il-liġi ġiet emendata diversi drabi minn meta ġiet promulgata, ma jirriżultax li kien hemm xi emenda li taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (*a*) sa (*d*) tal-istess sub-inċiż u li tat lok għall-ilment tas-soċjetà rikorrenti. Għalhekk l-ilment tas-soċjetà rikorrent jista' jiġi eżaminat biss ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement il-qorti tista' biss tieħu in konsiderazzjoni l-ilment tagħha b'effett mill-1987.

»L-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati ser jiġu indirizzati fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel il-qorti dwar il-mertu. … … …

»… … …

»… … … il-miżuri tax-xorta taħt eżami huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-sidien meta jkun hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-valur lokatizju attwali tal-fond, u l-kera stabbilita skont l-istess miżura.

»Fil-każ tal-lum, is-soċjetà rikorrenti mhux tikkontesta l-legalità tal-ordni ta' rekwiżizzjoni. Lanqas ma qed tikkontesta l-leġittimità tal-iskop għaliex saret. Madanakollu, il-piż sabiex jintlaħaq dan l-għan ma kellux jintrefa' kollu mis-sidien imma kellu jiġi żgurat bilanċ bejn id-drittijiet tagħhom u dawk tas-soċjetà in ġenerali. Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-kera kienet ġiet stabbilita mis-Segretarju tad-Djar u s-soċjetà rikorrenti qatt ma setgħet titlob żieda fil-kera.

»Anke li kieku r-rikorrenti ppreżentat talba għall-awment fil-kera quddiem il-bord, jibqa' l-fatt illi l-ammont illi l-bord seta' jiffissa bil-liġi huwa baxx ħafna meta mqabbel mal-kera li l-fond in kwistjoni seta' jikseb fis-suq ħieles. Għal dik li hija kera, il-bord ma setax jawtorizza awment fil-kera li tkun ogħla minn 40% tal-valur lokatizju tal-fond fl-1914 – kważi mitt sena qabel! Imbagħad, wara l-1995, bil-liberalizzazzjoni tal-kera, il-qagħda tar-rikorrenti, a paragun ma' sidien oħra, tgħarrqet aktar.

»… … …

»Fil-każ tal-lum, din il-qorti għandha quddiemha kemm tiswa l-proprjetà, kemm kien il-valur lokatizju tagħha u kemm kienet qed titħallas kera mill-inkwilin. Meta wieħed iqabbel il-valur lokatizju tal-proprjetà mal-kera li r-rikorrenti kellha dritt tipperċepixxi, wieħed isib li hemm sproporzjon bejn qagħda u oħra. Meħud in konsiderazzjoni wkoll illi r-rapport tekniku fih element inevitabbli ta' soggettività, illi mhux bilfors ir-rikorrenti kienet ser issib tikri b'kemm qalet il-perit tekniku, u illi meta tqis l-iskop socjali l-kera ma jkunx bilfors daqs il-kera fis-suq ħieles, xorta jkollok tgħid illi hemm diskrepanza

konsiderevoli bejn il-kera xierqa u l-kera li kienet tircievi r-rikorrenti. Ir-rapport tal-perit juri illi din id-diskrepanza kompliet tikber aktar ma għaddew is-snin.

»Għalhekk, minkejja li l-istat għandu marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa, billi l-ammont ta' kera stabbilit kien tant baxx meta kkomparat mal-valur lokatizju stabbilit mill-perit tekniku ma jistax jingħad li r-rikorrenti ngħatat kumpens adegwat għat-tfixkil sostanzjali fid-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà tagħha. Huwa prinċipalment dan il-fattur li, fil-fehma tal-qorti, jitfa' a '*disproprotionate and excessive burden*' fuq is-sidien.

»L-argument tal-awtorità intimata fis-sens illi s-soċjetà rikorrenti ma kienx imissha akkwistat il-fond ladarba kienet taf li kien milqut b'ordni ta' rekwiżizzjoni m'għandux mis-sewwa. … … …

»… … …

»Fuq kollox, kif diġà ntqal, jirriżulta li fil-fatt din il-proprjetà kienet intirtet mill-Perit Joseph Xuereb, is-sid aħħari tas-soċjetà attriċi, li imbagħad għaddiha lill-kumpannija tiegħu.

»Dan iwassal lill-qorti biex tgħid illi r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija ta' ħwejjiġha, imħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Fil-fehma tal-qorti, fil-każ preżenti d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha ma tkunx biżżejjed imma l-qorti għandha tagħti kumpens għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Għal dan il-ksur tad-dritt fundamentali tagħha kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrenti għandha tiġi kumpensata għaż-żmien li ġiet imċaħħda mill-godiment tal-proprjetà tagħha.

»Skont l-istima magħmula mill-perit tekniku, ir-rikorrenti setgħet potenzjalment daħlet madwar €21,000 f'kirjiet mill-1987 sal-2000 imma minflok daħħlet biss madwar €1,000.

»Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata ikollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, u partikolarment fejn dak l-iskop ikun jirrigwarda akkomodazzjoni soċjali, m'għandux jirrifletti il-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

»Fis-sentenza riċenti fl-ismijiet <u>Cauchi *v.* Malta</u>, tal-25 ta' Marzu 2021, il-Qorti Ewropea … … … kkonkludiet li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-qorti sejra għalhekk tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi fil-likwidazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens dovut lirrikorrenti għal-leżjoni tad-dritt fundamentali soffert minnha:

»i. l-isproporzjon fid-differenza bejn il-kera perċepita u dik li setgħet tkun perċepita fis-suq ħieles li kieku ma kinitx kontrollata bil-liġi;

»ii. iż-żmien li damet ir-rikorrenti tbati minn dan in-nuqqas ta' proporzjonalità;

»iii. l-inerzja tal-istat li baqa' passiv għal tul irraġjonevoli ta' żmien sabiex jipprova jirrimedja għas-sitwazzjoni b'leġislazzjoni *ad hoc*;

»iv. il-fatt illi r-rikorrenti damet tul ta' żmien qabel ma inizjat il-proċeduri odjerni;

»v. il-kera mħallsa mill-inkwilin.

»Għalhekk, il-qorti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha u qieset ukoll l-istima magħmula mill-perit tekniku, kif ukoll illi l-funzjoni tagħha mhijiex li tillikwida danni ċivili iżda danni għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, hi tal-fehma illi s-somma ta' tmint elef euro (€8,000) għandha titħallas lir-rikorrenti bħala kumpens pekunjarju. Il-qorti tqis ukoll illi tenut kont tal-fatti tal-każ, ir-rikorrenti għandha tirċievi wkoll is-somma ta' elfejn euro (€2,000) bħala kumpens non-pekunjarju.

»Finalment, is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara n-nullità jew inapplikabbiltà tal-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni. Dan mhuwiex meħtieġ fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn din l-ordni fil-fatt kienet ġiet imħassra mill-istat fis-sena 2000.«

7. Is-soċjetà attriċi appellat b'rikors tat-30 ta' Mejju 2022 li għalih wieġbu l-Awtorità tad-Djar fil-15 ta' Ġunju 2022 u l-Avukat tal-Istat fis-27 ta' Lulju 2022.

8. L-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, u ġie mfisser hekk:

»… … …

»L-esponenti huma tal-fehma li għall-fatti hawn fuq riportati kemm l-Istat Malti kif rappreżentat mill-Avukat tal-Istat u kif ukoll l-awtorità intimata għandhom jinżammu responsabbli u dana peress li, jekk l-awtorità (dak iż-żmien *tramite* d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali) applikat il-liġi b'mod leżiv għad-drittijiet tal-esponenti, tali lezjoni hija wkoll naxxenti mill-liġi applikabbli f'tali żmien li kienet tipprovdi għar-rekwiżizzjoni ta' fondi *tramite* kera li ma tirriflettix il-valur tas-suq. Bi tweġiba wkoll għat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali jingħad li huwa proprju dan li qed jiġi kkontestat permezz ta' dawn il-proċeduri u *cioè* l-applikazzjoni ta' rekwiżizzjoni u kwindi l-effetti amministrattivi tal-ordni maħruġa fil-konfront tal-proprjetà tal-esponenti.

»Dwar dan fil-fatt jinsab deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tal-kawża fl-ismijiet <u>Margaret Galea *et v.* l-Awtorità tad-Djar *et*</u> datata 12 ta' Frar, 2016 is-segwenti:

> »"Ir-raba' aggravju
>
> »"26. Dan hu fis-sens li fil-kawża odjerna l-Avukat Ġenerali għandu leġittimazzjoni passiva tenut kont tal-fatt li, wara l-ħruġ tal-ordni ta' derekwiżizzjoni, il-konjuġi Briffa xorta baqgħu fil-pussess tal-fond u dan setgħu għamluh bis-saħħa tal-artikolu 12A tal-Kap. 158. Għalhekk, għalkemm qabel il-ħruġ tal-imsemmija ordni l-istat kien rappreżentat skont il-liġi mill-Awtorità tad-Djar, wara l-ħruġ tal-ordni fit-12 ta' Marzu 2012 il-privazzjoni mit-tgawdija tal-pussess paċifiku tar-rikorrenti tal-fond tagħhom ma kienx aktar

riżultat ta' xi għemil da parti ta' din l-intimata, iżda kienet riżultat ta' applikazzjoni tal-liġi fuq indikata.

»"27. Din il-qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju huwa mistħoqq għax, għall-perjodu ta' wara l-ħruġ tal-ordni tad-derekwiżizzjoni l-konjugi Briffa kienu baqgħu jokkupaw il-fond unikament bis-saħħa tal-liġi u bl-applikazzjoni tal-istess. Huwa f'dan ir-rigward li l-aggravju huwa mistħoqq, għax ladarba qed jiġi pretiż li l-applikazzjoni tal-liġi qed tivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti allura l-leġittimu kuntradittur huwa l-Istat rappreżentat mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. 28 Għaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jiġi milqugħ.

»"… … …

»"39. Rigward l-ewwel parti tal-aggravju li tirrigwardja l-pretensjoni tal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti matul il-perjodu relevanti, din il-qorti tosserva li din il-vertenza għandha tiġi eżaminata fil-kuntest ta' żewġ stadji differenti tal-istess perjodu, jiġifieri mit-28 ta' Mejju 2008 sat-12 ta' Marzu 2012 (meta ħarġet l-ordni ta' derekwiżizzjoni) u l-perjodu bejn it-13 ta' Marzu 2012 sal-21 ta' Marzu 2013 (meta ġie preżentat ir-rikors promotur tal-ġudizzju odjern). Għall-ewwel perjodu għandha tirrispondi l-Awtorità tad-Djar *stante* li l-fond kien għadu fil-pussess tagħha, filwaqt li għat-tieni perjodu għandu jirrispondi l-Avukat Ġenerali *stante* li għar-ripreża tal-fond f'dan l-istadju kienet tosta l-applikazzjoni tal-Kap. 158. Dan qiegħed jingħad unikament għall-finijiet ta' ratizzazzjoni fir-relazzjonijiet interni bejn l-Awtorità tad-Djar u l-Avukat Ġenerlai billi fl-aħħar mill-aħħar it-tnejn jirrappreżentaw l-awtorità pubblika."

»L-esponenti huma tal-fehma li dan ir-raġunament għandu japplika wkoll fir-rigward tal-każ in eżami tenut kont li hawn ukoll hemm żewġ stadji u *cioè* qabel u wara l-ordni ta' de-rekwiżizzjoni li nħarġet fis-sena 2000. Għalhekk l-Avukat tal-Istat m'għandux u ma kellux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dana proprju għaliex huwa wkoll il-leġittimu kuntradittur fil-każ odjern ukoll kif deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali. … … …

»Konsegwentement għal dan huwa ċar li kemm l-Awtorità għad-Djar u kif ukoll l-Avukat Ġenerali għandhom jinżammu responsabbli in solidum għad-danni spettanti lill-esponenti kif likwidati hawn taħt.«

9. Fir-rikors li bih bdiet din il-kawża l-attriċi qalet hekk fil-premessi għat-talbiet tagħha:

»L-appartament surreferit ġie sussegwentement derekwiżizzjonat permezz tal-ordni ta' de-rekwiżizzjoni maħruġa fis-16 ta' Novembru tas-sena 2000.

»Għaldaqstant kien biss f'din id-data li s-soċjetà esponenti setgħet tibda tgawdi ritorn ekwu u ġust fuq il-proprjetà tagħha, dana kif ser jirriżulta ċar matul it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

»Għaldaqstant għaż-żmien kollu li fih kienet fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni is-soċjetà esponenti sofriet preġudizzju serju konsistenti

> mill-fatt li l-kumpens surreferit impost mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Soċjali bl-ebda mod ma kien jirrifletti l-valur tal-fond fuq is-suq fiż-żmien relattiv.
>
> »Anke meta wieħed jikkunsidra l-marġini wiesgħa t'apprezzament li għandu l-Istat Malti f'dan ir-rigward, huwa ċar li, għaż-żmien kollu li fih baqgħet fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni, is-soċjetà esponenti ġiet kostretta li ġġorr piż sproporzjonat bħala effett ta' dak surreferit.
>
> »Konsegwentement jirriżulta ċar li ġew vjolati d-drittijiet tal-esponenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha bl-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-konsegwenti teħid fuq imsemmi ... ... ...«

10. Huwa minnu illi, kif sewwa osservet l-ewwel qorti, l-ilment tal-attriċi jolqot biss iż-"żmien kollu li fih kienet fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni", u mhux dak li seħħ wara. Madankollu, il-kera kontrollat li kienu jirċievu l-atturi matul dak iż-żmien ma kienx konsegwenza biss tal-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni iżda wkoll tal-liġi – l-Ordinanza li trażżan il-Kera fuq id-Djar [Kap. 166] u l-artt. 8(6) u 11(1)(*a*) tal-Att dwar id-Djar [Kap. 116] – li ma kinux jippermettu kera ogħla minn dak li, b'finzjoni legali, kien jitqies kera xieraq. Għal dawk il-liġijiet f'isem l-istat iwieġeb l-Avukat tal-Istat u mhux l-Awtorità tad-Djar.

11. L-Avukat tal-Istat huwa għalhekk kontradittur leġittimu u l-ewwel aggravju għandu jintlaqa'.

12. Ngħaddu għat-tieni aggravju li jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni, u li ġie mfisser hekk:

> »… … … l-esponenti tinsab aggravata wkoll minn dak il-kap tas-sentenza li permezz tiegħu l-ewwel qorti llikwidat il-kumpens ġust dovut lill-esponenti għall-leżjoni subita minnha u kkonfermata permezz tal-istess sentenza limitatament fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) u dana bl-għadd tas-somma ta' tmint elef euro (€8,000) rappreżentanti danni materjali mas-somma ta' elfejn euro (€2000) rappreżentanti danni morali.
>
> »… … …
>
> »Mis-surreferit jirriżulta ċar li l-ewwel qorti wettqet eżerċizzju relattivament ġust limitatament sakemm żammet mad-dettami tad-deċiżjoni

mogħtija mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet Cauchi *v.* Malta kif minnha stess ċitata. Madanakollu l-esponenti hija tal-fehma li tali kalkolu sar fuq premessi ħżiena tenut kont tal-fatt li ġew totalment esklużi mill-istess is-snin kollha li jmorru mid-data tal-ħruġ tar-rekwiżizzjoni sal-1987 data illi fih daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan kjarament sar abbażi tal-fatt li skont l-ewwel qorti l-leżjoni kienet ravviżabbli limitatament taħt il-Konvenzjoni u mhux ukoll taħt il-Kostituzzjoni.

»... … …

»L-esponenti ċertament ma tistax taqbel mal-kunsiderazzjoni surreferita u dana għal raġunijiet li jinsabu diġà sanċiti u approvati mill-qrati tagħna, inkluża dina l-istess qorti.

»F'tali rigward, l-esponenti jippremetti li l-fattispeċi ta' dan il-każ huma assolutament identiċi għal dawk mertu tal-kawża fl-ismijiet *Gevimida Limited v.* Carmen Fenech *et* (rik. nru 53/2015) u wkoll dawk mertu tal-kawża fl-ismijiet Maria Gialanzè *v.* Anthony Aquilina (rik. nru 76/2020). Tali kawżi kienu jirrigwardaw proprjetajiet oħrajn tal-istess rikorrenti u / jew ta' qraba tal-ġesturi tas-soċjetà rikorrenti wkoll mertu tar-rekwiżizzjoni. Konsegwentement, il-fatti hemmhekk riżultanti huma assolutament identiċi għal dawk tal-każ in eżami. Kif jirriżulta mill-istess deċiżjonijiet relattivi, hemmhekk ukoll l-appartament kien jinsab okkupat minn terzi inkwilini bis-saħħa tar-rekwiżizzjoni u l-konsegwenti relazzjoni sid-inkwilini imposta fuq is-sidien kontra l-volontà tagħhom mill-Istat Malti *tramite* l-liġi relattiva applikabbli.

»F'tali każ fl-ismijiet *Gevimida Limited v.* Carmen Fenech *et* permezz tad-deċiżjoni tagħha datata 16 ta' Novembru 2017 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet il-kawża billi:

»1. laqgħet in parti l-ewwel talba u ddikjarat illi s-soċjetà hemmhekk rikorrenti sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha kif protetti mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta proprju bħala effett tal-ordni ta' rekwiżizzjoni;

»2. laqgħet it-tieni talba u ordnat is-segwenti rimedji:

> »i. ordnat lill-Awtorità tad-Djar tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, seba' mija u sebgħa u għoxrin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€75,727.27) bħala kumpens xieraq, in kwantu għal tlieta u sittin elf, mitejn seba' u għoxrin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€63,227.27) bħala kumpens pekunarju, u in kwantu għal €12,500 (tnax-il elf u ħames mitt euro) bħala kumpens non-pekunarju, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv; (...)

»Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet finalment tali kawża billi ċaħdet l-appelli interposti u kkonfermat is-sentenza appellata, inkluż allura billi kkonfermat li kienet teżisti leżjoni anke abbażi tal-Kostituzzjoni, senjatament l-art. 37 tal-istess dana abbażi tas-segwenti raġunament:

> »Il-qorti tagħraf illi fil-fatt din kienet il-posizzjoni tal-qrati Maltin għal diversi snin. Il-qorti però rat illi jirriżulta li din il-posizzjoni qed tinbidel, u f'dan is-sens tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Michael D'Amato *et v.* L-Awtorità tad-Djar *et* deċiża minn

din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2016, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2017 fejn intqal illi:

»"'L-Avukat Ġenerali jikkontendi illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għaliex b'ordni ta' rekwiżizzjoni ma hemmx teħid iżda biss kontroll ta' użu. Din kienet l-interpretazzjoni li kienet tingħata sa xi żmien ilu iżda riċentement il-Qorti Kostituzzjonali wessgħet il-portata ta' dan l-artikolu li qieset li kull kontroll ta' użu, intiż b'tali mod biex jippriva b'mod sostanzjali lis-sid milli jagħmel użu kif jixtieq mill-proprjetà tiegħu allura dan jekwivali għal teħid ta' 'interess' f'dik il-proprjetà' u jaqa' fil-protezzjoni mogħtija mill-Kostituzzjoni ... Għalhekk dan l-artikolu hu applikabbli għal każ in kwistjoni bħala prinċipju ta' dritt billi ordni ta' rekwiżizzjoni hi teħid ta' 'interess' f'dik il-proprjetà u hi fl-effetti tagħha wiesgħa u riġida u tippriva lis-sid mill-użu liberu tal-proprjetà.'

»"Din il-qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u tqis illi m'hemm l-ebda raġuni ilgħaliex għandha tiddipartixxi minnu."

»Huwa ċar li l-argumentazzjoni surreferita hija wkoll perfettament applikabbli għall-każ in eżami fejn il-fattispeċi huma identiċi. Hawn ukoll, allura, l-ewwel qorti kellha tikkunsidra li l-leżjoni bdiet minn ferm qabel l-1987 u dana għaliex id-drittijiet fundamentali tal-esponenti, debitament interpretati skont il-każistika surreferita, kienu ġew leżi wkoll għal diversi snin u dana anke taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

»Hekk ukoll fil-każ fl-ismijiet Maria Gialanzè *v.* Anthony Aquilina *et*, permezz tad-deċiżjoni tagħha datata 20 ta' Ottubru 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet il-kawża billi:

»"laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ddikjarat illi hija sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (...)"

»F'dan l-aħħar każ, deċiż allura biss ftit xhur ilu, l-ewwel qorti kellha l-opportunità sħiħa li tidħol *funditus* f'din il-kwistjoni u fil-fatt waslet għall-konklużjoni tagħha b'referenza għal dak li kien ġie diġà deċiż permezz tas-sentenzi Michael D'Amato *et v.* Awtorità tad-Djar *et* u wkoll AIC Joseph Barbara *v.* Onor. Prim Ministru hemmhekk ċitati b'approvazzjoni fis-sens illi l-leżjoni kienet konstatata wkoll taħt il-Kostituzzjoni.

»Kieku dan kollu ma kienx biżżejjed, l-istess raġunament ġie abbraċċjat ukoll f'deċiżjonijiet oħrajn ukoll aktar riċenti konċernanti ordnijiet ta' rekwiżizzjoni fosthom if-segwenti:

»Alexander Xuereb *et v.* Vincent Kiomall *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2022 fejn hemmhekk ukoll ġie determinat li "ma tantx hemm xi tgħid aktar ħlief li tassew huwa minnu li l-ordni ta' rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża illedew id-drittijiet tar-rikorrenti kif imħarsa minn artikolu numru 1 tal-Ewwel Protokoll u artikolu 37 tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjonali rispettivament".

»Alexander Xuereb *et v.* L-Avukat tal-Istat *et* deċiża wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2022 fejn hemmhekk ingħad:

»"28. Minkejja l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għas-sitwazzjoni odjerna, stante li

> hawn m'hawnx teħid forzuż tal-proprjetà, għal diversi snin il-qrati tagħna għarfu li sitwazzjonijiet bħal dawn huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu għat-tgawdija tal-possedimenti. … … …"

»Għalkemm taħt il-liġi Maltija ma tapplikax ir-regola tal-preċedent, xorta waħda wieħed jippretendi almenu minimu ta' uniformità fil-mod illi bih kawża dwar merti pressokkè identiċi jiġu deċiżi. M'għandux ikun tollerat li xi kawżi jiġu deċiżi b'mod u oħrajn b'mod kompletament differenti bl-effett li, anke fil-kamp tad-drittijiet fundamentali, persuna tiġi dikjarata vittma anke taħt il-Kostituzzjoni u persuna oħra soġġetta tal-istess leżjoni identika, tiġi dikjarata – bħalma ġara f'dan il-każ – li ma soffriet ebda leżjoni taħt l-istess Kostituzzjoni.

»Kieku dan kollu m'huwiex biżżejjed dina l-qorti għandha tikkunsidra wkoll li, aktar u aktar f'dan il-każ, l-ewwel qorti ma setgħetx tapplika l-art. 47 bħala difiża għall-azzjoni odjerna dana għaliex l-awtorità intimata li ġiet ikkundannata tħallas il-kumpens ma ressqet ebda eċċezzjoni b'referenza għal tali artikolu. F'dan ir-rigward allura huwa ċar li d-deċiżjoni appellata timmerita f'dan ir-rigward li tiġi revokata tenut kont tal-fatt li marret *extra petita* billi ddeċidiet aspett li ma kienx kontestat bejn il-partijiet. Huwa biss l-Avukat Ġenerali li kkontesta il-proponibilità tal-azzjoni taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni, dana għaliex – fil-fehma tiegħu – ma jeżistux l-estremi għat-teħid forzuż. Madanakollu, kif ingħad, għal tali argument ukoll japplika kjarament is-surreferit. Ma dan għandu jingħad ukoll li, sakemm l-art. 47 tal-Kostituzzjoni huwa intiż sabiex jipproteġi "il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962", l-azzjoni odjerna m'hijiex intiża sabiex taffettwa tali ħdim ta' liġi imma sempliċement sabiex jingħata l-kumpens għal-leżjoni. Fi kliem sempliċi, l-art. 47 ma jeskludix il-possibilità li vittma ta' leżjoni tressaq talba taħt l-art. 37 imma sempliċement tipproteġi l-ħdim tal-liġi protetta (*operation of any law*). Kif jirriżulta ċar mis-sentenza appellata, l-ebda aspett tal-azzjoni odjerna m'huwa intiż sabiex jinterrompi jew iwaqqaf il-ħdim tal-liġi u dana għaliex il-fond illum huwa vakat – imma sempliċement li l-esponenti tiġi kkumpensata għal-leżjoni sofferta minnha. *Multo magis*, kif intqal hawn fuq – ġjaladarba kienet inħarġet l-ordni ta' derekwiżizzjoni, lanqas jista' jingħad li llum għad hemm xi aspett ta' dan il-każ li jista' b'xi mod jolqot il-ħdim tal-Kap. 125 li, fil-fatt, lanqas għadu applikabbli għall-każ in eżami.

»Ir-rikorrenti tħoss illi, tenut kont is-surreferit, ftit għandha xi żżid ma' dak li diġà jirriżulta, ukoll in materja prettament legali, mis-sentenzi surreferiti fejn essenzjalment ġiet trattata l-istess kwistjoni odjerna b'eżitu favorevoli għat-teżi tal-esponenti. Huwa ċar li s-sentenza fl-ismijiet Gevimida *v.* Carmen Fenech illum il-ġurnata tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-partijiet fiha però, aktar minn hekk, ir-rikorrenti tikkontendi li l-prinċipji kjarament enunċjati kemm minn dina l-qorti (kif diversament presjeduta) kif ukoll eventwalment approvati u kkonfermati mill-Qorti Kostituzzjonali, inkluż allura l-likwidazzjoni tal-kumpens f'dak il-każ, għandhom ukoll iservu ta' gwida ċara lil dina l-qorti fid-deċiżjoni tagħha, inkluż allura dak deċiż permezz tad-deċiżjoni Cauchi *v.* Malta dana tenut kont ukoll tal-fatti identiċi li jirrigwardjaw kemm il-każ surreferit u kif ukoll dak odjern kif hawn taħt riportati. Huwa ċar li, anke b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-partijiet, għandu jkun hemm univoċità jekk mhux ukoll uniformità fil-mod illi bih jiġu deċiżi merti identiċi mill-qrati tagħna.«

13. Fis-sentenza ta’ din il-qorti tad-29 ta’ Novembru 2019 fl-ismijiet *Gevimida Limited v.* Carmen Fenech *et* (rik. nru 53/2015) ma ngħadx il-kliem attribwit lilha fir-rikors tal-appell. Barra minn hekk, din il-qorti ma setgħetx tqis il-kwistjoni jekk l-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni jeskludix l-applikabilità tal-art. 37 għax l-appell ma kienx dwar hekk. Lanqas fil-każ ta’ Michael D’Amato *et v.* Awtorità tad-Djar *et* (rik. nru 104/2014) deċiż minn din il-qorti fit-28 ta’ April 2017, u ta’ Ian Peter Ellis *et v.* Avukat Ġenerali *et* (rik. nru 39/2010) deċiż min din il-qorti fl-24 ta’ Ġunju 2016 ma sar appell imsejjes fuq l-art. 47(9) u għalhekk ma ngħatatx deċiżjoni dwar hekk.

14. Fid-dawl ta’ dak li jgħid l-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni, din il-qorti taqbel ma’ dak li qalet u ddeċidiet l-ewwel qorti illi l-art. 37 ma jolqotx il-każ tal-lum u m’għandhiex x’iżżid ma’ dak li osservat l-ewwel qorti[1]. Għalhekk ma hijiex sejra tilqa’ t-talba tal-atturi biex issib ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

15. It-tielet aggravju tas-soċjeta’ attriċi jolqot il-*quantum* ta’ kumpens likwidat mill-ewwel qorti, u ġie mfisser hekk:

> »Applikati allura l-prinċipji surreferiti għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-esponenti fil-każ in eżami, huwa ċar li l-likwidazzjoni imwettqa mill-ewwel qorti ma tistax raġjonevolment tammonta għal dak il-*just satisfaction* meħtieġa mill-Konvenzjoni Ewropeja u għal dak il-kumpens ġust awspikat ukoll mill-Kostituzzjoni u dana għaliex is-snin kollha li jmorru mill-1976 sal-1987 ma ġewx debitament ikkunsidrati.
>
> »… … …
>
> »Bl-istess mod, anke d-danni morali għandhom ċertament ikunu miżjuda sabiex jikkunsidraw il-leżjoni sofferta mill-esponenti.

[1] Ara wkoll*, e.g.* Mary Azzopardi *et v.* Awtorità tad-Djar *et* (Kost. 31 t’Awissu 2021) para. 18; Elfrida Guillaumier *et v.* Avukat tal-Istat (Kost. 31 ta’ Mejju 2023) para. 64; Reginald Fava *et v.* Avukat tal-Istat (Kost. 12 ta’ Lulju 2023) para. 16 *et seq.*

16. L-argument f'dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa illi jkun intlaqa' t-tieni aggravju li jrid illi l-qorti tqis illi l-ksur beda jseħħ mill-1976. Kif rajna fil-konsiderazjzonijiet dwar it-tieni aggravju, dan ma huwiex il-każ.

17. Dwar id-danni likwidati għaż-żmien wara l-1987 l-appellanti stess fit-tieni rikors igħidu illi "l-ewwel qorti wettqet eżerċizzju relattivament ġust limitatament sakemm … skont l-ewwel qorti l-leżjoni kienet ravviżabbli limitatament taħt il-Konvenzjoni u mhux ukoll taħt il-Kostituzzjoni". Dan ifisser illi l-appellanti stess jaqblu mal-kumpens likwidat għaż-żmien li għalih tassew jistħoqilhom kumpens. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

18. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata; tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni li riedet il-ħelsien tal-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

19. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati bis-sentenza appellata; dawk marbutin mal-eċċezzjoni ta' leġittimità passiva tal-Avukat tal-Istat iħallashom l-Avukat tal-Istat; l-ispejjeż l-oħra tal-appell tħallashom is-soċjetà attriċi appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm